**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
(Spett.Mark Anthony Mercieca)

Vs

**Christian Agius**
(K.I. 022895G)

**Illum, 8 ta' Ġunju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Christian Agius,** ta' 27 sena iben Joseph u Maria Assunta neè Bajada, imwieled Rabat Għawdex nhar it-18 ta' Mejju 1995 u residenti fil-fond 38, Triq il-Manwala, Xewkija Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 022895G u akkużat talli nhar l-10 ta' Lulju 2022 u matul ix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġiijet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datata l-11 ta' Lulju 2022 sabiex l-imsemmi akkużat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-pulizija waqt li kienu qed jagħmlu sorveljanza fl-ajru permezz ta' *drone* fl-inħawi tan-Nuffara fix-Xewkija innotaw xi pjanti tal-*cannabis* miżrugħin f'għalqa f'dawk l-inħawi. Minn aktar stħarriġ irriżulta li dawn il-pjanti kienu ta' l-akkużat Christian Agius u ta' ħuħ. Illi minn tfittxija li saret fir-residenza tiegħu il-pulizija sabu xi oġġetti u sustanzi relatati mal-konsum tal-*cannabis*.

Illi l-akkużat ammetta mal-ewwel involviment tiegħu u stqarr li għalkemm m'għandux problema ta' droga, hu ġieli jpejjep ftit *cannabis* sabiex jorqod. Hu qal li żara' dawn il-pjanti wara li għaddiet il-liġi iżda ma kienx jaf li ma setax jiżrhom fl-għalqa fil-miftuħ. Illi b'kollox, hu ammetta li 4 minn dawk il-pjanti huma tiegħu u li jagħmel użu personali minnhom u li qatt ma biegħ cannabis lil ħadd.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke llum stess fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi l-ammont ta' pjanti misjuba kien wieħed żgħir u li qatt ma kellu problema b'xi vizzju. Semgħet ukoll li l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-pulizija u li din hija l-ewwel darba li xellef difrejħ mal-ġustizzja.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(ċ)(d) u l-artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Christian Agius <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal multa ta' sitt mitt Ewro (€600).

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ebda espert ma laħaq espleta l-inkarigu tiegħu.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**